# Young Voices
# Inwieġbu għad-Diversità fl-Edukazzjoni



# Young Voices

## Inwieġbu għad-Diversità fl-Edukazzjoni

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta'Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali

Dan ir-rapport huwa taqsira tal-preżentazzjonijiet u r-riżultati ta' l-Assemblea Ewropea tal-Young People with Special Educational Needs, li ġġib l-isem ta' 'Young Voices: Inwieġbu għad-Diversità fl-Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali'. Din l-assemblea kienet organizzata b'koperazzjoni mal-Ministeru Portugiż ta' l-Edukazzjoni, f'Liżbona, f'Settembru 2007 u kienet tagħmel parti mill-inizjattivi li saru tal-Presidenza Portugiża ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-rapport kien imħejji mill-Aġenzija ibbażat fuq il-kontribuzzjonijiet mid-delegati żgħażagħ li ħadu sehem fl-avveniment. Aħna nixtiequ nuru l-apprezzament sinċier tagħna lilhom kollha.

Wieħed jista' jsib aktar tagħrif dwar dan l-avveniment fuq il-websajt ta' l-Aġenzija: www.european-agency.org/european-hearing2007

Edituri: Victoria Soriano, Mary Kyriazopoulou, Harald Weber u Axelle Grünberger (Membri ta' l-Istaff) ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali.

Wieħed jista' jagħmel użu minn siltiet minn dan id-dokument sakemm dan jagħmel referenza ċara għas-sors minn fejn ikunu ttieħdu.

Wieħed jista' jaqra dan ir-rapport b'21 lingwa u b'formati elettroniċi sempliċi. Il-verżjonijiet elettroniċi ta' dan ir-rapport insibuhom fil-websajt ta' l-Aġenzija: www.european-agency.org/site/info/publications/agency/index.html

Maqluba għall-Malti minn: Tarcisio Zarb, tarcisio.zarb@gov.mt

L-istampa tal-qoxra: Viktorija Proskurovska

ISBN: 978-87-92387-35-6 (Elettronika)    ISBN: 978-87-92387-14-1 (Ipprintjata)

2008

**L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali**

Secretariat
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Brussels Office
3 Avenue Palmerston
BE-1000 Brussels Belgium
Tel: +32 2 280 33 59
brussels.office@european-agency.org

**www.european-agency.org**

Education and Culture DG

Lifelong Learning Programme

Il-produzzjoni ta' dan id-dokument kienet megħjuna mid-DG Education, Training, Culture and Multilingualism of the European Commission: http://europa.eu.int/comm/dgs/education_culture/index_en.htm

## IL-KONTENUT

**Daħla** **5**

**Introduzzjoni** **7**

**Silta mill-preżentazzjoni mogħtija minn Ms. Maria de Lurdes Rodrigues, Ministru Portugiż ta' l-Edukazzjoni** **9**

**Riflessjonijiet mid-Delegati Żgħażagħ** **11**

*Riflessjonijiet mid-Delegati fl-Edukazzjoni Sekondarja.................11*

*Riflessjonijiet mid-Delegati fl-Edukazzjoni Vokazzjonali...............14*

*Riflessjonijiet mid-Delegati fl-Edukazzjoni Ogħla .........................16*

**Silta mill-preżentazzjoni li ta Mr Valter Lemos, is-Segretarju Portugiż ta' l-Istat għall-Edukazzjoni** **19**

**Id-Dikjarazzjoni ta' Liżbona** **20**

*L-Opinjonijiet taż-Żgħażagħ fuq l-Edukazzjoni Inklużiva .............20*

## Daħla

Fis-sena 2007, il-pajjiżi membri ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp fl-Edukazzjoni għal Ħtigijiet Speċjali qablu li jorganizzaw Assemblea Ewropea. Għaliha stiednu nies żgħażagħ bi ħtiġijiet ta' edukazzjoni speċjali biex jirriflettu u jiddiskutu dwar l-edukazzjoni u l-futur tagħhom. Saret enfasi speċjali fuq l-esperjenzi taż-żgħażagħ, kif ukoll fuq l-ideat u s-suġġerimenti tagħhom dwar l-edukazzjoni inklużiva.

Din kienet it-tieni darba li l-Aġenzija organizzat avveniment daqshekk importanti. L-ewwel Assemblea Ewropea għall-Young People bi ħtiġijiet ta' edukazzjoni speċjali kienet ġiet organizzata fi Brussels fis-sena 2003 sewwa sew fil-Parlament Ewropew.

Il-pajjiżi membri kollha ta' l-Aġenzija kienu konxji mill-fatt li l-organizzazzjoni ta' avveniment ta' dan it-tip kienet sfida kbira. Dan, b'mod speċjali meta wieħed iqis li għal dan l-avveniment kienu mistennija parteċipanti minn 29 pajjiż. Fis-sena 2003 ħadu sehem 22 pajjiż.

L-Assemblea tas-sena 2007 saret f'Liżbona f'Settembru. Din kienet organizzata b'koperazzjoni mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni Portugiż fi ħdan il-Presidenza Portugiża ta' l-Unjoni Ewropea.

L-Aġenzija, filwaqt li ħadet gost torganizza din it-tieni Assemblea Ewropea, ħassitha onorata wkoll. Irridu nieħdu din l-okkażjoni biex nirringrazzjaw it-78 delegat, kif ukoll il-familji tagħhom, l-għalliema u l-istaff li għenhom, il-Ministeri ta' l-edukazzjoni, r-rappreżentanti mill-organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali kif ukoll l-awtoritajiet Portugiżi għas-sehem u l-impenn tagħhom. Mingħajrhom ma kienx ikun possibbli li wieħed jorganizza avveniment ta' dan it-tip.

| | |
|---|---|
| **Jørgen Greve** | **Cor J. W. Meijer** |
| **Chairman** | **Director** |

## Introduzzjoni

Fis-sena 2006, ir-rappreżentanti ta' l-Aġenzija intalbu biex jinnominaw tnejn jew tliet siti edukattivi – skejjel jew klassijiet – mill-pajjiżi rispettivi tagħhom – biex jieħdu sehem fl-Assemblea 'Young Voices: Inwieġbu għad-Diversità fl-Edukazzjoni'. L-għażla waqgħet fuq skola sekondarja, skola vokazzjonali u istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla.

L-istudenti mill-iskejjel u l-klassijiet nominati ġew mistiedna biex jirriflettu flimkien ma' l-istudenti sħabhom fuq ir-riżultati ppreżentati mill-parteċipanti fl-ewwel Assemblea Ewropea li kienet organizzata fi Brussels fis-sena 2003. Fl-istess ħin huma ntalbu jirriflettu u jiddiskutu flimkien ma' sħabhom tal-klassi dwar dawn it-tliet mistoqsijiet ewlenin:

1. Tista' tiddeskrivi t-titjib u **l-isfidi ewlenin li għandhom x'jaqsmu ma' l-edukazjoni tiegħek u** li inti tixtieq tiddiskuti u taqsam mal-kollegi Ewropej tiegħek? Għandek xi suġġerimenti jew rakkomandazzjonijiet għal titjib?
2. X'inhuma **l-opinjonijiet tiegħek dwar l-edukazzjoni inklużiva?** Hemm xi benefiċċji, sfidi u/jew ostakli li inti tixtieq tiġbed l-attenzjoni għalihom? Tixtieq tissuġġerixxi xi rakkomandazzjonijiet?
3. Hemm iċ-ċans li inti jista' jkollok aspettattivi ċari dwar l-edukazzjoni, ix-xogħol u l-ħajja futura tiegħek. Tista' tiddeskrivi **t-tfixkil ewlieni** li fl-opinjoni **tiegħek hemm bżonn li jitneħħa biex inti tkun tista' tilħaq l-aspettattivi tiegħek?**

Kull skola jew klassi li pparteċipat kienet mitluba li tappunta delegat/a żagħżugħ/a biex jipparteċipa fl-avveniment. Fil-jum ta' qabel l-Assemblea, d-delegati kollha ltaqgħu, qasmu l-opinjonijiet tagħhom u ddiskutew it-tliet mistoqsijiet fi gruppi ta' ħidma li kienu ffurmati skond il-livell rispettiv ta' l-edukazzjoni: sekondarja, vokazzjonali u ogħla. Id-delegati żgħażagħ kollha kienu mħejjija minn qabel għall-Assemblea. Id-diskussjonijiet urew bdil sejru u miftuħ ta' ideat flimkien ma' rispett ġenwin għall-opinjonijiet ta' kulħadd.

Huwa importanti li wieħed jgħid li d-delegati nominati ppreżentaw medda wiesgħa ta' ħtiġijiet speċjali kif ukoll diżabilitajiet. Il-

maġġoranza kellhom l-edukazzjoni tagħhom f'organizzazzjonijiet ta' edukazzjoni 'mainstream'.

Ir-riżultati tad-diskussjonijiet taż-żgħażagħ li kienu ppreżentati fil-Parlament Portugiż jikkostitwixxu l-bażi tad-Dikjarazzjoni ta' Liżbona 'L-Opinjonijiet taż-żgħażagħ fuq l-Edukazzjoni Inklużiva,' huma ppreżentati b'mod sħiħ fl-aħħar ta' dan ir-rapport u nsibuhom wkoll bħala dokument apparti.

F'dan ir-rapport qasir insibu siltiet mill-preżentazzjonijiet li saru mill-Ministru Portugiż ta' l-Edukazzjoni u mis-Segretarju ta' l-Istat ta' l-Edukazzjoni waqt is-sessjonijiet tal-ftuħ u l-għeluq rispettivi. Fihom insibu l-impenn li wieħed jappoġġja u jsostni l-edukazzjoni inklużiva f'isem l-awtoritajiet Portugiżi ta' l-edukazzjoni.

Filwaqt li d-Dikjarazzjoni ta' Liżbona tiġbor fil-qosor l-argumenti ewlenin u l-fehmiet li qasmu bejniethom id-delegati żgħażagħ, dan ir-rapport jippreżenta l-argumenti ewlenin li tqajmu mid-delegati żgħażagħ li huma speċifikament marbuta mat-tliet livelli edukattivi rrappreżentati mill-Assemblea, jiġifieri dawk ta' edukazzjoni sekondarja, vokazzjonali u ogħla.

## Silta mill-preżentazzjoni mogħtija minn Ms. Maria de Lurdes Rodrigues, Ministru Portugiż ta' l-Edukazzjoni

Fis-Sessjoni tal-ftuħ ta' l-Assemblea Ewropea fil-Parlament Portugiż 'Young Voices: Inwieġbu għad-Diversità fl-Edukazzjoni', il-Ministru ta' l-Edukazzjoni Maria de Lurdes Rodrigues qalet:

'Huwa ta' unur kbir u fl-istess ħin okkażjoni ta' ferħ li wieħed jilqa' ż-żgħażagħ minn 29 pajjiż – 26 mill-Unjoni Ewropea flimkien ma' 3 pajjiżi oħra li ħadu sehem ukoll f'din l-inizjattiva – li l-għan tagħha hu li ttejjeb it-twettiq ta' l-edukazzjoni inklużiva f'kull skola ta' kull pajjiż fl-Unjoni Ewropea. Nifirħilkom għas-sehem tagħkom f'din l-inizjattiva; għas-suċċess kbir li din tfisser għalikom kif ukoll għall-pajjiżi li tirrappreżentaw; u ċertament għal Ewropa aktar inklużiva.

Il-prinċipji għal edukazzjoni inklużiva għat-tfal u żgħażagħ kollha bi bżonnijiet speċjali kienu stabbiliti f'Salamanca fl-1994, bħala riżultat ta' ħafna snin ta' xogħol u dibattiti minn esperti mid-dinja kollha. L-iżvilupp u t-twettiq ta' edukazzjoni inklużiva huwa riżultat ta' xogħol ta' kuljum ta' l-għalliema kollha, l-istaff u l-esperti. Ix-xogħol jiffoka fuq l-identifikazzjoni ta' l-ostakli, it-tfixkil, il-preġudizzji, id-diffikultajiet tekniċi, soċjali u ekonomiċi, kif ukoll fuq it-tiftix għal soluzzjonijiet li jistgħu jtejbu l-inklużjoni.

L-edukazzjoni inklużiva hija proċess f'evoluzzjoni kostanti li qatt ma jispiċċa, minħabba li l-għanijiet u l-objettivi ta' l-edukazzjoni inklużiva jinbidlu l-ħin kollu. Din il-pressjoni hija riżultat mhux biss ta' l-urġenza, l-aspettattivi u tal-ħtiġijiet soċjali, imma anke ta' l-iżviluppi fl-għerf u t-teknoloġija li kulma jmur dejjem qegħdin jiżdiedu.

Jiena naħseb li kull pajjiż fl-Unjoni Ewropea, minkejja li mhux kull pajjiż jibda mill-istess punt tat-tluq, jaffaċċja sfidi komuni fi tliet oqsma ewlenin: l-ewwel, l-isforz kostanti fit-taħriġ ta' l-għalliema u l-istaff li joffri sostenn fix-xogħol ma' studenti żgħażagħ bi bżonnijiet speċjali; it-tieni, it-titjib fil-kundizzjonijiet fiżiċi u materjali ta' l-iskejjel li fihom insibu studenti bi ħtiġijiet speċjali; it-tielet, l-iżvilupp ta' għodod ta' tagħlim kif ukoll ta' materjal u kontenut pedagoġiku, flimkien ma' l-applikazzjoni tal-potenzjal tat-teknoloġija.

Illum, it-teknoloġiji ta’ l-informazzjoni u l-komunikazzjoni joffru l-possibilitajiet ta’ aċċess għall-informazzjoni u għerf li qatt ma kien hawn bħalhom u dan il-potenzjal jeħtieġ li wieħed jesplorah u jiżviluppah bl-għajuna ta’ kull gvern.

Din l-inizjattiva li tgħaqqadna flimkien hija unika għaliex tinvolvi l-istudenti bi bżonnijiet speċjali fl-iżvilupp ta’ l-edukazzjoni inklużiva għalihom; fl-istess ħin tagħti vuċi u twessa’ d-dibattitu filwaqt li żżid l-għarfien bil-għan li jinħolqu soluzzjonijiet. Dan isir filwaqt li tingħata importanza lill-aspettattivi u l-viżjonijiet tal-Young People infushom.

Bis-sehem tagħkom, [id-delegati żgħażagħ], aħna ċerti li se ntejbu l-kundizzjonijiet taż-żgħażagħ Ewropej li għandhom ħtiġijiet speċjali. Huwa dan li jagħmel din l-inizjattiva daqshekk innovattiva. Għal darb’oħra nixtieq nifirħilkom għall-parteċipazzjoni u l-impenn tagħkom – għall-eżempju li intom tajtu u għas-suċċess li kull wieħed minnkom se jkollu. Is-suċċess tagħkom huwa s-suċċess tagħna wkoll. Huwa s-suċċess ta’ kull student, b’mod partikolari ta’ dawk bi ħtiġijiet speċjali, li jiġġustifikaw x-xogħol tagħhkom hawn. Nispera li l-ħolm tagħkom se jsir realtà. Nispera wkoll li l-attivitajiet illum se jmmorru tajjeb u li l-kontribuzzjonijiet tagħkom se jgħinuna biex intejbu x-xogħol tagħna. Grazzi ħafna.’

**Riflessjonijiet mid-Delegati Żgħażagħ**

Fis-sessjoni plenarja tal-Parlament Portugiż, id-delegati żgħażagħ ippreżentaw ir-rapporti tagħhom dwar is-suġġetti ewlenin li huma ddiskutew fil-gruppi rispettivi tagħhom l-jum ta' qabel mal-parteċipenti ta' l-Assemblea.

Fil-kitba ta' hawn taħt wieħed isib dak li ġie diskuss f'aktar dettall. Il-mistoqsijiet mistħarrġa hawnhekk huma ppreżentati bl-istess ordni li d-delegati żgħażagħ ddibattewhom flimkien ma' sħabhom qabel il-ftuħ ta' l-Assemblea:

- **It-titjib** u **l-isfidi** ewlenin li għandhom x'jaqsmu ma' l-edukazzjoni tagħhom;
- Il-fehmiet u l-opinjonijiet dwar **l-edukazzjoni inklużiva**;
- It-tfixkil ewlieni li wieħed irid ineħħi biex wieħed jilħaq l-aspettativi fil-**ġejjieni**.

Huwa importanti li wieħed jgħid li d-delegati kollha qablu fuq il-fatt li r-riżultati u l-isfidi ppreżentati fl-Assemblea Ewropeja tas-sena 2003 kienu għadhom jgħoddu, għalkemm hemm bżonn ta' xi titjib.

Kwotazzjonijiet diretti minn xi delegati żgħażagħ insibuhom fil-kitba t'hawn taħt biex b'hekk nuru aħjar l-ideat li kienu espressi waqt id-diskussjonijiet tal-gruppi ta' ħidma.

*Riflessjonijiet mid-Delegati fl-Edukazzjoni Sekondarja*

Ħafna mid-delegati mill-edukazzjoni sekondarja kienu minn oqsma ta' inklużjoni li jagħmlu parti mill-edukazzjoni 'mainstream'.

Waqt il-gruppi ta' diskussjoni, id-delegati żgħażagħ mit-taqsima ta' l-edukazzjoni sekondarja, esprimew s-sodisfazzjon tagħhom fl-edukazzjoni u b'mod ġenerali lkoll qablu li kien hemm xi titjib matul il-karrieri fl-edukazzjoni tagħhom.



Waħda mill-**isfidi** kontinwi li kienet imsemmija ta' sikwit kienet dik ta' l-aċċessibiltà għall-edukazzjoni b'mod ġenerali. Din il-problema tirrigwardja l-aċċessibiltà fiżika għall-bini, kif ukoll il-fatt li l-għodod u l-materjal ta' tagħlim mhumiex dejjem addattati jew aċċesibbli għal-ħtiġijiet speċjali kollha. Karin osservat li: 'l-iskejjel moderni għadhom mhux aċċessibbli kompletament għat-tipi differenti ta' diżabiltà, bħal minn min ikollu problema biex jara.'

M'hemmx dubju li materjal ta' għajnuna bħalma huma l-kompjuters, il-kameras diġitali, il-mikrofoni, eċċ, huma ta' importanza kbira. Madanakollu, huwa fatt li ħafna drabi jew it-tagħmir neċessarju ma jkun jeżisti xejn, jew inkella ma jkunx hemm kwantità biżżejjed. Kultant ż-żagħżagħ u l-familji tagħhom ma jkunux jafu kif jista' jkollhom aċċess għal-materjal.

Edukazzjoni aċċessibli tiddependi wkoll minn assistenza ta' staff. Problema li għada tinħass f'ċerti każijiet hija li meta jkun hemm bżonn ta' għajnuna, ħafna drabi ikunu sħabhom tal-klassi stess l-uniċi persuni li jistgħu jagħtu s-sapport meħtieġ.

Delegati żgħażagħ, insistew li l-attitudini ta' l-għalliema għandha rwol essenzjali. 'L-għalliema jridu jżommu f'moħħhom li hemm nies differenti fil-klassi, li għandhom ħtiġijiet differenti u modi differenti ta' kif jitgħallmu', issuġġeriet Simone. Madankollu, l-għajnuna mogħtija mill-għalliema m'għandhiex tfisser li l-istudenti bi ħtiġijiet speċjali

jkunu ippatronizzati. Hemm bżonn li l-għalliema jiġu mħarrġa biex jifhmu u jsiru jafu aktar dwar il-ħtiġijiet speċjali.



**L-edukazzjoni inklużiva** kienet diskussa bħala opportunità pożittiva u li kienet relevanti ħafna għalihom.

Aspett importanti u inkoraġġanti li ngħata importanza miż-żgħażagħ mit-taqsima ta' l-iskola sekondarja kienet li l-inklużjoni tgħaqqad nies differenti flimkien u ttejjeb il-ħiliet soċjali ta' l-istudenti kollha. Din tgħin lill-istudenti kollha. B'mod ġenerali wieħed jista' jgħid li l-edukazzjoni inklużiva hija aktar ta' sfida posittiva minn edukazzjoni speċjali, għax kif qalet Márton 'l-edukazzjoni inklusiva hija effettiva ħafna għax inti jkollok taffaċċja l-problemi u titgħallem issolvihom.'

Madankollu, deher biċ-ċar li kien hemm ukoll xi problemi fejn tidħol l-edukazzjoni inklużiva. Aude ġabret dan kollu billi qalet li 'l-edukazzjoni inklużiva kienet l-aktar sfida orribbli u fl-istess ħin sabiħa li jiena kelli naffaċċja.' Għalkemm l-inklużjoni tgħin fil-kuntatti soċjali barra mill-iskola, jista' jkun hemm xi diffikultajiet fl-iskola fl-interazzjoni bejn l-istudenti ta' dawk mingħajr ħtiġijiet speċjali kif ukoll dawk li jkollhom ħtiġijiet ta' dan it-tip. 'L-edukazzjoni inklużiva hija l-aħjar għażla, imma għad hemm ħafna skejjel li m'għandhomx ir-riżorsi u l-istaff għal dan', qal Alfred.

Barra minn hekk, l-għalliema tal-‘mainstream’ li ma jkunux imħejjija tajjeb, jew li ma jkollhomx tagħrif ċar dwar il-ħtiġijiet ta’ l-istudenti, flimkien man-nuqqas ta’ riżorsi adekwati fl-iskejjel sekondarji tal-‘mainstream’ joħoloqu ostakli għall-istudenti bi ħtiġijiet speċjali.

Id-delegati żgħażagħ ikkonkludew li l-edukazzjoni inklużiva hija tajba sakemm ikun hemm is-sostenn neċessarju u li t-tagħlim isir fl-aħjar kundizzjonijiet possibli.

Huma wkoll qablu li l-edukazzjoni għandu jkollha r-rwol li tħejjihom biex jgħixu fid-dinja reali. Anna Maria u Christopher sostnew li ‘l-edukazzjoni hija dwar li wieħed jitgħallem li jista’ jagħmel affarijiet li ma kienx jaħseb li jista’ jagħmel.’ Ħafna delegati wrew ix-xewqa li jkollhom il-libertà u d-dritt ta’ l-għażla fejn tidħol l-edukazzjoni fl-iskejjel ‘mainstream’ u dawk li m’humiex.

Dwar il-**futur** tagħhom, ħafna mid-delegati żgħażagħ mill-iskejjel sekondarji esprimew ix-xewqa li jibqgħu jistudjaw u li jmorru l-università. Madankollu, huma kienu inkwetati dwar kemm seta’ jkollhom għażla ħielsa fl-istudji tagħhom: huma ma ridux li jiġu offruti possibilitajiet limitati minħabba l-ħtiġijiet tagħhom, in-nuqqas ta’ sostenn, jew l-aċċessibiltà għal edukazzjoni ogħla. Xi wħud urew it-tħassib tagħhom dwar il-preġudizzji ta’ xi nies fl-edukazzjoni ogħla kif ukoll fis-settur ta’ l-impjiegi.

Fl-aħħar, id-delegati mit-taqsima ta’ l-edukazzjoni sekondarja tkellmu mingħajr tlaqliq dwar il-ħtieġa li huma jieħdu d-deċiżjonijiet dwar il-ħajja futura tagħhom. Dan ifisser mhux li jiġu separati mill-bqija tas-soċjetà, imma minflok li jkollhom l-istess opportunitajiet bħall-oħrajn.

*Riflessjonijiet mid-Delegati fl-Edukazzjoni Vokazzjonali*

Il-maġġoranza tad-delegati mill-edukazzjoni vokazzjonali kienu integrati fl-oqsma ta’ l-edukazzjoni mainstream. Xi wħud minnhom kienu jattendu kemm istituzzjonijiet mainstream kif ukoll istituzzjonijiet speċjali, imma bħala regola ftit kienu dawk li kienu jattendu f’oqsma ta’ edukazzjoni speċjali. Ta’ min jgħid ukoll li f’dan il-grupp ta’ delegati, kien hemm medda usa’ ta’ ħtiġijiet li kienet akbar minn dik fiż-żewġ gruppi l-oħra.



Bħala regola, id-delegati żgħażagħ f'dan il-grupp kienu tal-fehma li d-drittijiet tagħhom mhumiex dejjem ikkunsidrati u rrispettati, kif għandu jkun. Huma saħqu wkoll fuq il-ħtieġa li huma m'għandhomx jiġu ttrattati aħjar, 'b'mod protettiv', minħabba d-diżabiltà tagħhom. Fabien, Séverine and Fabio kienu ċari f'dak li qalu: 'aħna nħossuna bħal kulħadd, imma kultant inkunu ninħtieġu s-sostenn, sfortunatament … Aħna rridu li niġu fdati u rrispettati. Ma rridux li niġu ttrattati bħala diżabbli.' Mitja qalet 'irridu naċċettaw lil xulxin indipendentement minn kif nidhru, minn dak li kapaċi nagħmlu u dak li m'aħniex kapaċi nagħmlu. B'dan il-mod is-soċjetà ssir aktar ugwali.'

Minkejja li huma esprimew sentimenti li b'mod ġenerali kienu pożittivi dwar l-iskejjel u l-għalliema, huma wrew it-tħassib tagħhom dwar xi titjib li għad irid isir. Xi wħud mid-delegati kellhom esperjenzi iebsa biex ikunu jistgħu jkollhom l-għajnuna li kienu jinħtieġu. 'L-għalliema għandhom jispjegaw il-lezzjonijiet b'modi differenti biex b'hekk l-istudenti kollha jifhmu', qalu Iro u Vassilis.

Waqt id-diskussjonijiet kien evidenti li wieħed ma setax jagħti sostenn ta' kwalità għolja jekk ma jagħtix importanza lid-differenza.

Amy qalet, 'in-nies ta' età żagħżugħa għandu jkollhom l-għażla li jitgħallmu bil-pass tagħhom, biex b'hekk jieħdu gost u jkollhom esperjenza edukattiva li tkun waħda li tagħtihom sodisfazzjon.

Id-delegati qalu li l-aċċessibiltà għat-trasport pubbliku u l-bini kienet **sfida** importanti ħafna.

Id-delegati kollha li kienu jagħmlu użu mill-'mainstream' kienu ħafna favur l-edukazzjoni inklużiva. 'Fl-iskejjel 'mainstream' aħna nitgħallmu suġġetti f'livell għoli. Din tippreparana għall-futur u x-xogħol f'dinja li tisma', qal Steven. Xi ftit delegati li kienu ġejjin minn ambjenti ta' edukazzjoni speċjali kienu wkoll favur ħafna ta' l-inklużjoni, imma numru żgħir ta' delegati ppreferew li jkunu f'ambjent aktar protett. Kien hemm qbil unanimu dwar l-għażla ħielsa f'ambjent edukattiv mingħajr impożizzjoni, ir-rispett sħiħ ta' sitwazzjonijiet personali u bl-akbar ammont ta' opportunitajiet possibbli.

Id-delegati esprimew ix-xewqa tagħhom li fil-futur jgħixu kemm jista' jkun b'mod indipendenti. Huma wkoll xtaqu li jkomplu bl-istudji tagħhom u lkoll urew it-tħassib tagħhom dwar il-possibiltajiet ta' xogħol. Xi delegati sostnew li huma ma kinux f'sitwazzjoni li tista' titqabbel tajjeb ma' sħabhom li ma kellhomx xi tip ta' diżabiltà.

Fl-aħħar urew li kienu kunfidenti dwar il-kapaċitajiet tagħhom u ċari dwar ix-xewqat tagħhom, imma mhux ċerti dwar kemm l-iskejjel u s-soċjetà b'mod ġenerali kienet tagħraf dan.

*Riflessjonijiet mid-Delegati fl-Edukazzjoni Ogħla*

Ta' min jgħid hawnhekk li fil-grupp taż-żgħażagħ li kienu ġejjin mit-taqsima ta' l-Edukazzjoni Ogħla kellhom problema fil-viżta, meta mqabbla maż-żewġ livelli l-oħra ta' l-edukazzjoni. Din hija r-raġuni li minħabba fiha dan il-grupp jirreferi ta' sikwit għal din it-tip ta' diżabiltà.

Id-delegati rrappurtaw **titjib** dwar l-aċċess għat-tagħrif – permezz tal-kompjuter u t-teknoloġija ta' l-internet – għall-għomja u għal dawk li jbatu fil-viżta. Delegati oħra qiesu l-għarfien dwar xi tip jew ieħor ta' diżabiltà bħala titjib. Hekk ngħidu aħna, il-mobiltà u l-aċċessibiltà qegħdin kulma jmur isiru suġġett ta' diskussjoni u dibattitu pubbliku. Li wieħed jkollu għajnuna u sostenn minn voluntieri u ħbieb ukoll ġie rrappurtat bħala żvilupp pożittiv.




Tkellmu wkoll dwar xi **sfidi**, li kellhom x'jaqsmu mat-titjib li tkellimna dwaru hawn fuq. Kultant, l-aċċess għall-informazzjoni jista' jkun limitat jew dipendenti fuq ħafna kundizzjonijiet differenti. Fost dawn wieħed jista' jsemmi kompjuters li jdumu ma jaslu, limitazzjoni f'dik li hija kotba awdjo u diġitali u – f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-internet – browsers ġodda ħafna drabi ma jkunux aċċessibbli għal min ikun agħmi.

Għalkemm ħafna dokumenti li jintużaw fl-universitajiet jiġu produċuti f'dawn l-istess universitajiet u l-universitajiet infushom kultant jiffaċilitaw il-produzzjoni ta' materjal meħtieġ minn studenti li jbatu bil-viżta, ftit li xejn issib dokumenti ta' dan it-tip. Kif qalet Maarja 'suġġetti ġenerali li jkollhom ħtieġa ta' kotba ta' qari jistgħu jkunu problema. Din hi problema li jiena kelli fl-iskola, għaliex qatt ma kien hemm biżżejjed kotba tal-Braille jew kotba awdjo.'

Aspett ieħor li tkellmu dwaru kellu x'jaqsam mal-limitazzjoni li kellhom f'dik li hija għażla ħielsa fl-istudji tagħhom, li mhux dejjem kienet skond dak li jkunu jixtiequ huma b'mod speċjali minħabba l-aċċessibiltà tal-bini ta' l-iskola … Aħna rridu li nkunu kapaċi nagħżlu dak li rridu u mhux dak li hu possibbli.'

Id-delegati rrappurtaw li ħafna drabi huma jkollhom jieħdu l-inizjattiva biex jipprovdu l-għajnuna lill-istituzzjoni li jattendu, minħabba li

sħabhom, l-għalliem u l-istaff ta' amministrazzjoni ta' l-iskola jew l-università mhux dejjem ikunu jafu kif jistgħu jgħinuhom.

Huma tkellmu wkoll dwar l-isfidi li kellhom x'jaqsmu ma' l-opportunitajiet ta' xogħol għad-delegati fil-futur. L-attitudnijiet ta' min iħaddem kif ukoll l-inaċċessibiltà għall-bini setgħu jkunu ta' xkiel meta wieħed jiġi biex jidħol fid-dinja tax-xogħol.

Id-delegati rrakkomandaw li kellu jkollhom għalliema informati aħjar kif ukoll staff espert li joffri sostenn. Oqsma oħra li fihom wieħed seta' joffri sostenn kellhom ikunu dawk ta' riżorsi addizzjonali, faċilitajiet għal studenti b'diżabiltà kif ukoll l-użu ta' lingwa aċċessibbli matul il-lezzjonijiet. Dawn kienu meqjusa bħala oqsma li fihom seta' jsir titjib. 'Id-diżabiltajiet huma differenti ħafna. Wieħed għandu jagħti każ tal-ħtiġijiet individwali u mhux jieqaf biss f'dawk li huma ħtiġijiet ġenerali,' sostniet Diana.

Id-delegati qablu li **l-edukazzjoni inklużiva** tħejjihom bl-aħjar mod għall-ħajja tagħhom. Xi wħud mid-delegati, li kienu jsegwu xi kors għall-ewwel darba f'livell ta' edukazzjoni ogħla, kienet tfisser li kienu qegħdin jattendu xi istituzzjoni ta' tagħlim 'mainstream' għall-ewwel darba f'ħajjithom. L-edukazzjoni inklużiva tqieset bħala l-ewwel pass f'li wieħed jiġi integrat fis-soċjetà.

Ġiet diskussa wkoll il-bidla minn skejjel speċjali għal ċentri ta' kompetenza. L-edukazzjoni u l-għajnuna speċjalizzata fuq livell individwali, meħuda t-tnejn flimkien, kienu meqjusa bħala l-aħjar tħejjija għal edukazzjoni ogħla. Id-delegati kollha qablu li, il-fatt li wieħed ikollu l-opportunità li jipparteċipa fl-edukazzjoni inklużiva sa mill-bidu nett ta' l-edukazzjoni tiegħu tagħmilhom aktar b'saħħithom, aktar kunfidenti fihom infushom, u fl-istess ħin indipendenti.

Dwar **il-futur** tagħhom, saret emfasi fuq l-ostakli li wieħed kellu jaffaċċja bħala riżultat ta' injoranza u attitudnijiet negattivi. Biex wieħed ibiddel l-attitudnijiet f'dan ir-rigward wieħed kellu jiffoka aktar fuq l-abilitajiet, il-potenzjal u s-saħħa b'ħafna enerġija u paċenzja. Id-delegati pproponew li jagħmlu l-ewwel pass huma, għalkemm dan kien jinħtieġ aktar kuraġġ u stamina minn dik meħtieġa minn studenti oħra. Kaisu kkonkluda billi qal li 'huwa tajjeb li wieħed ikun jaf id-dinja fil-ġejjieni, għalkemm din tista' tkun xi ħaġa iebsa.'

**Silta mill-preżentazzjoni li ta Mr Valter Lemos, is-Segretarju Portugiż ta' l-Istat għall-Edukazzjoni**

Fis-sessjoni ta' l-għeluq ta' l-Assemblea Ewropea, Mr Valter Lemos, is-Segretarju ta' l-Istat ta' l-Edukazzjoni, qal dan il-kliem:

'Nixtieq nindirizza lin-nies żgħażagħ preżenti hawnhekk biex nifirħilhom għall-entużjażmu li ħadmu bih. Tabilħaqq nemmen li ż-żgħażagħ li tkellmu llum fil-Parlament Portugiż taw kontribuzzjoni ta' l-għaġeb fis-sehem tagħhom biex wieħed jasal għal skola tassew inklużiva fl-Ewropa kollha.

Naturalment, ilkoll nafu li ma jkunx hemm demokrazija vera jekk ma jkollniex skola għal kulħadd u jiena nemmen li s-sehem li kull wieħed minnkom ta fix-xogħol tal-lum se jkun ħaġa li tibqa' tissemma u se juri l-mod mhux biss kif wieħed jilħaq l-objettivi ta' l-inklużjoni, imma wkoll għall-modi kif nagħmluha. Aħna lkoll midjiena lejkom għax-xogħol li għamiltu.

Nixtieq li nindirizza lill-politikanti u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet biex jikkkunsidraw li jkomplu jsegwu dak li bdejtu intom illum. Aħna, politikanti u nies li f'idejna għandna d-deċiżjonijiet, staqsejniekom biex tesprimu l-veduti tagħkom u aħna kellna ċ-ċans li nisimgħuhom. Issa aħna għandna r-responsabiltà li naraw li dak li pproponejtu jseħħ.

Bħala konsegwenza, nixtieq li nwiegħed li dan ix-xogħol jibqa' sejjer. Il-Presidenza ta' l-Unjoni Ewropea, f'kollaborazzjoni ma' l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' l-Edukazzjoni bi Ħtiġijiet Speċjali, hija marbuta li tippreżenta dokument li fih jiġbor fil-qosor l-esperjenzi u r-rakkomandazzjonijiet tal-lum, b'mod li jintuża bħala referenza fil-futur qarib. Nisperaw li r-rakkomandazzjonijiet approvati illum is-17 ta' Settembru 2007 fil-Parlament Portugiz ta' Liżbona, ikun qafas biex tassew ikollna edukazzjoni inklużiva.

Għalina, dan kien privileġġ li jkollna lilkom taħdmu hawn il-Portugal għal dawn il-jumejn u aħna se niftakru dan ix-xogħol bħala pass lejn skola għal kulħadd – skola tassew demokratika. Ix-xorti t-tajba lil kulħadd.'

## Id-Dikjarazzjoni ta' Liżbona

L-argumenti ċentrali li tqajmu mid-delegati żgħażagħ intużaw bħala l-bażi għar-riżultat ewlieni ta' dan l-avveniment: id-Dikjarazzjoni ta' Liżbona 'L-Opinjonijiet taż-żgħażagħ fuq l-Edukazzjoni Inklużiva'.

Id-dikjarazzjoni tippreżenta suġġetti komuni li ġew diskussi mid-delegati żgħażagħ. Turi biċ-ċar id-dritt tagħhom li jkunu rrispettati, li jkollhom l-istess opportunitajiet bħal ta' sħabhom u li jkunu involuti f'kull deċizjoni li tikkonċerna lilhom.

Id-dikjarazzjoni tippreżenta wkoll l-opinjonijiet tagħhom dwar il-benefiċċji ta' edukazzjoni inklużiva: din hija ta' benefiċċju għall-istudenti kollha, kemm dawk bi bżonnijiet speċjali kif ukoll dawk li m'humiex; tgħin biex wieħed jikseb aktar ħiliet soċjali; hija l-aħjar għażla sakemm il-kundizzjonijiet neċessarji biex wieħed jassigura s-suċċess tagħha jkunu hemm.

Id-dikjarazzjoni taċċentwa żviluppi li jonqos li jsiru rigward mobilta u aċċess sħiħ għall-edukazzjoni. Dan huwa possibli biss jekk il-bżonnijiet differenti ta' nies differenti jiġu ikkonsidrati.

Id-dikjarazzjoni taċċentwa wkoll il-kontribuzzjoni unika għal dibattiti fuq l-edukazzjoni inklużiva hekk kif tippreżenta l-veduti kollettivi taż-żgħażagħ b'diżabiltajiet stess. Wieħed jixtieq li l-messaġġi ċari ħafna miż-żagħżagħ ippreżentati fid-Dikjarazzjoni – flimkien ma' dan id-dokument – jipprovdu lill-'policy makers' dwar l-edukazzjoni u l-practitioners ispirazzjoni għax-xogħol futur tagħhom.

Id-dokument sħiħ dwar id-Dikjarazzjoni huwa ppreżentat hawnhekk u nsibuh ukoll f'dan id-dokument bħala 'flyer' separat.

*L-Opinjonijiet taż-Żgħażagħ fuq l-Edukazzjoni Inklużiva*

Fis-17 ta' Settembru 2007, il-Ministru Portugiż ta' l-Edukazzjoni, fil-qafas tal-Presidenza Portugiża ta' l-Unjoni Ewropea, flimkien mal-'European Agency for Development in Special Needs Education', organizza assemblea Ewropea bl-isem ta': 'Young Voices: Inwieġbu għad-Diversità fl-Edukazzjoni'.

Il-proposti li kien hemm qbil fuqhom minn żgħażagħ, li għandhom ħtiġijiet ta' edukazzjoni speċjali minn 29 pajjiż[1], u li jattendu istituzzjonijiet sekondarji, vokazzjonali u ogħla rriżultaw f' Id-Dikjarazzjoni ta' Liżbona 'L-Opinjonijiet taż-żgħażagħ fuq l-Edukazzjoni Inklużiva'. Din id-Dikjarazzjoni fiha dak li ż-żgħażagħ ippreżentaw f'Liżbona fis-sessjoni plenarja ta' l-Assembleia da Republica li tikkonċerna d-drittijiet tagħhom, il-ħtiġijiet, l-isfidi u r-rakkomandazzjonijiet biex wieħed jirnexxilu jikseb edukazzjoni inklużiva b'suċċess.

Id-Dikjarazzjoni hija skond l-għan ta' dokumenti uffiċjali preċedenti Ewropej f'dak li jirrigwardja l-ħtiġijiet speċjali bħalma huma: ir-'Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni ta' tfal u żgħażagħ b'diżabiltà f'sistemi ordinarji ta' edukazzjoni' (EC, 1990); l-'Istqarrija ta' Salamanca u l-Qafas għal Azzjoni fuq Edukazzjoni ta' ħtiġijiet Speċjali' (UNESCO, 1994); iċ-'Charter Ta' Lussemburgu' (Programm Helios, 1996); ir-'Riżoluzzjoni tal-Kunsill fuq opportunitajiet indaqs għal studenti ta' etajiet varji b'diżabiltà fl-edukazzjoni u t-taħriġ' (EC, 2003); il-'Konvenzjoni fuq id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità' (Nazzjonijiet Uniti, 2006).

Il-Young People qablu fuq id-DRITTIJIET tagħhom:
- Aħna għandna d-dritt li nkunu rrispettati u ma jkunx hemm diskriminazzjoni kontrina. Aħna ma rridux simpatija; aħna rridu li nkunu rrispettati bħala adulti futuri li jkollna ngħixu u naħdmu f'ambjent normali.
- Aħna għandna d-dritt għall-istess opportunitajiet bħal kulħadd, imma bis-sostenn neċessarju li jilħaq l-ħtiġijiet tagħna. L-ebda ħtieġa ta' xi ħadd ma għandha tiġi injorata.
- Aħna għandna d-dritt li ngħixu indipendenti. Aħna rridu wkoll li jkollna familja u li jkollna dar adattata għall-ħtiġijiet tagħna. Ħafna minna jridu li jkollhom il-possibbiltà li jistudjaw l-università. Aħna rridu wkoll naħdmu u ma rridux li nkunu sseparati minn nies oħra li m'għandhomx diżabilità.

[1] L-Awstrija, il-Belġju (Komunitajiet li jitkellmu bil-lingwa Fjamminga u l-Franċiz), il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Fillandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Islanda, l-Irlanda, l-Isvezja, l-Isvizzera, l-Italja, il-Latvja, il-Lussemburgu, Malta, in-Norveġja, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugal, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja, r-Renju Unit, ir-Repubblika Ċeka u l-Ungerija.

- Fis-soċjetà kulħadd għandu l-ħtiega li jkun konxju, jagħraf u jirrispetta d-drittijiet tagħna.

Il-Young People esprimew opinjonijiet ċari fuq it-TITJIB ewlieni li huma esperjenzjaw fl-edukazzjoni tagħhom:
- Bħala regola aħna rċevejna sostenn sodisfaċenti fl-edukazzjoni tagħna, imma jeħtieġ li jkun hemm aktar progress.
- L-aċċessibiltà għall-bini qiegħda titjieb. Aspetti ta’ mobilità u l-aċċessibiltà fl-ambjenti mibnija qegħdin aktar ma jgħaddi ż-żmien ikunu suġġett ta’ diskussjoni u dibattitu.
- Id-diżabiltà qiegħda tkun aktar viżibbli fis-soċjetà.
- It-teknoloġija tal-kompjuter qiegħda titjieb u wieħed jista’ jikseb kotba diġitali mibnija b’mod strutturat tajjeb.

Il-Young People enfasizzaw b’mod speċjali fuq l-ISFIDI u l-ĦTIĠIJIET:
- Il-ħtiġijiet ta’ aċċessibiltà huma differenti għal nies differenti. Hemm ostakoli ta’ aċċessibilta’ differenti fl-edukazzjoni u fis-soċjetà għal nies bi ħtiġijiet speċjali differenti, ngħidu aħna:
    - Matul il-lezzjonijiet u l-eżamijiet xi wħud minna għandhom bżonn aktar ħin;
    - Xi drabi jkollna bżonn ta’ assistenti personali fil-klassijiet tagħna;
    - Irid ikollna aċċess għal materjal adattat fl-istess żmien bħal dawk li jkunu magħna fil-klassi.
- L-għażla ħielsa ta’ suġġetti ta’ studju hija kultant limitata minħabba aċċessibiltà għall-bini, tekonoloġija insuffiċjenti u aċċessibiltà għal materjal (tagħmir, kotba).
- Irridu suġġetti u ħiliet li għandhom tifsira għalina u għall-ħajja futura tagħna.
- Irridu *counselling* tajjeb matul l-edukazzjoni tagħna fl-iskola dwar dak li huwa possibbli għalina fil-futur mibni fuq il-ħtiġijiet indvidwali.
- Sal-ġurnata tal-lum għad hemm nuqqas ta’ għarfien fuq id-diżabiltà. L-għalliema, studenti oħrajn u xi ġenituri xi drabi għandhom attitudni negattiva lejna. Nies li m’għandhomx diżablità għandhom ikunu jafu li huma jistgħu jistaqsu persuna b’diżabiltà jekk għandhiex bżonn ta’ għanjuna jew le.

Il-Young People esprimew l-opinjonijiet tagħhom fuq EDUKAZZJONI INKLUŻIVA:

- Huwa importanti ħafna li nagħtu lil kulħadd il-libertà li jagħżel fejn ikun irid jiġi edukat.
- L-edukazzjoni inklużiva tkun fl-aħjar tagħha jekk il-kundizzjonijiet ikunu tajbin għalina. Dan ifisser is-sostenn neċessarju, ir-riżorsi u li jiġu pprovduti għalliema mħarrġa. L-għalliema għandhom bżonn ikunu motivati, kif ukoll li jkunu informati dwarna u l-ħtiġijiet tagħna. Għandhom ikunu mħarrġa tajjeb, jitolbuna dak li ninħtieġu u li jkunu kkoordinati sew bejniethom matul is-snin kollha ta' l-iskola.
- Naraw ħafna benefiċċji fl-edukazzjoni inklużiva: aħna niksbu aktar ħiliet soċjali; ngħixu esperjenzi aktar wiesgħa; nitgħallmu kif 'nimmaniġġjaw' id-dinja reali; għandna l-ħtieġa li nitħalltu b'mod attiv ma' ħbieb kemm dawk bi ħtiġijiet speċjali kif ukoll dawk li m'għandhomx ħtiġijiet ta' dan it-tip.
- Edukazzjoni inklużiva b'sostenn individwalizzat u speċjalizzat hija l-aħjar tħejjija għal edukazzjoni ogħla. Ċentri speċjalizzati jkunu ta' għajnuna biex isostnuna u jinfurmaw l-universitajiet b'mod tajjeb dwar il-ħtiġijiet li jkollna.
- L-edukazzjoni inklużiva hija ta' benefiċċju minn żewġ naħat, kemm għalina kif ukoll għal kulħadd.

Il-Young People KONKLUDEW:

Aħna għandna nkunu dawk li nibnu l-futur tagħna stess. Irridu neliminaw l-ostakoli (speċjalment dawk ta' attitudni) li qegħdin ġo fina u li jeżistu f'ħaddieħor. Aħna rridu nikbru lil hinn mid-diżabiltà – imbagħad id-dinja tħares lejna b'mod aktar pożittiv.

**Liżbona, Settembru 2007**

MT

**Young Voices: Inwieġbu għad-Diversità fl-Edukazzjoni** tippreżenta r-riżultati ta' l-Assemblea Ewropea tal-Young People bi Bżonnijiet Edukazzjonali Speċjali, f'koperazzjoni mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni Portugiż.

L-avveniment seħħ f'Liżbona, is-17 ta' Settembru 2007 fil-qafas tal-Presidenza Ewropea ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-rapport kien ippreparat mill-Aġenzija fuq il-bażi tal-kontri-buzzjonijiet mid-delegati żgħażagħ.

Id-Dikjarazzjoni ta' Liżbona 'L-Opinjonijiet taż-Żagħżagħ fuq l-Edukazzjoni Inklużiva' hija r-riżultat ewlieni ta' dan l-avveniment. It-test sħiħ tad-Dikjarazzjoni hija ppreżentata kollha kemm hi f'dan ir-rapport u nsibuha dan id-dokument bħala 'flyer' separat.

Ministério da Educação

PORTUGAL 2007
Presidência do Conselho da União Europeia

European Agency for Development in Special Needs Education